## Anness 1 – Bijografija – Aġenda Numru 6



### Leslie Janet Stephenson

Leslie Janet Stephenson għandha 'il fuq minn 30 sena esperjenza eżekuttiva fis-servizzi finanzjarji internazzjonali, b'aktar minn ħmistax minnhom f'karigi manigerjali mal-grupp HSBC fl-Ażja-Paċifiku, fil-Lvant Nofsani u r-Renju Unit. Il-profil professjonali tagħha għandu warajh *track-rekord* ta' suċċess fit-tmexxija ta' proġetti kbar u kumplessi f'diversi industriji regolati. Qabel ma ngħaqdet mal-grupp HSBC, Leslie Janet Stephenson ħadmet f'diversi istituzzjonijiet fil-Kanada u fl-Istati Uniti tal-Amerika fejn mexxiet proġetti fid-distribuzzjoni, fl-operat u anke fl-iżvilupp ta' prodotti ġodda f'*Manulife Financial* u *London Life Insurance Company*. Illum, hija tokkuppa l-kariga ta' direttur mhux eżekuttiv fuq il-bord ta' Trident Royalties plc.

Studjat fl-Università ta' *Western Ontario* fejn iggradwat f'livelli ta' Baċellerat u Masters, u hija wkoll *Chartered Life Underwriter* (CLU). Hija ikkwalifikata bħala *non-executive director*.

Is-Sinjura Stephenson hija attiva ferm f'ambiti aktar wiesgħa kemm fuq livell professjonali kif wkoll dak soċjali. Isservi bħala Viċi-President ta' *The In & Out Club (Naval and Military Club)*, President tal-Fondazzjoni tal-*Western University* fir-Renju Unit u eks Viċi-President u Osservatur tal-Bord tal-Kamra tal-Kummerċ bejn il-Kanada u r-Renju Unit. Leslie Janet Stephenson hija wkoll *Liveryman* tal-*Worshipful Company of International Bankers* u eks-Teżorier tal-Kumitat tal-*HSBC Wayfoong Club*, għaqda li tilqa' fi ħdanha *managers* internazzjonali kemm attivi kif ukoll irtirati.

Kopja tal-bijografiji tad-Diretturi kollha tal-Bord jinstab fuq: **https://www.apsbank.com.mt/directors-and-management/**